MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 25

KONTINWAZZJONI

30 ta' Settembru 2014

Minuti tat-Tieni Parti tas-seduta Nru. 25 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea kienet skużata minħabba npenn ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Id-diskussjoni fuq il-minuti tal-ewwel parti tas-seduta tħalliet għas-seduta li jmiss.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

2.1.1. **Lejliet letterarji** **(A/5/5/Vol VIII)**

2.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet minuta 4.9.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li tkomplew il-kuntatti mal-Għaqda Poeti Maltin u qed jiġi ssuġġerit li ssir serata mużiko-letterarja fix-xahar ta' Mejju 2015, minħabba li għal ħabta tal-Milied ikun hemm attivitajiet oħra marbuta ma' dik il-festa.

2.1.3. Il-Kunsill aċċetta l-proposta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Minuti – Laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-Manikata – 09/09/2014

## 4.0. Korrispondenza

4.1.1. Ma tresqet ebda korrispondenza

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Din il-materja ġiet trattata fl-ewwel parti tas-seduta

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Din il-materja ġiet trattata fl-ewwel parti tas-seduta.

### 7.1. Sejħa għall-Offerti 5/2014 – Provista u twaħħil fil-post ta' bandla għall-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti għall-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

7.2. Is-Segretarju għarraf illi l-offerenti li ġew *shortlisted* taw t-tagħrif mitlub dwar jekk persuna bi bżonnijiet speċjali tistax titla' u tinżel minn fuq il-bandla waħedha. J.G.C. Ltd, F.G.L. Commercials Sales Ltd u M-Quip Ltd ilkoll ikkonferma li persuna tista' tuża l-bandla b'mod indipendenti mingħajr l-għajnuna ta' ħadd.

7.3. Is-Sindku spjega li r-rampa tal-bandli offruti minn F.G.L. Commercials Sales Ltd u M-Quip Ltd tinżel bil-mod permezz ta' sistema *hydrolic*.

7.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-rampa bis-sistema *hydrolic* tirrikjedi iktar manutenzjoni u vulnerabbli għall-ħsarat u vandaliżmu, filwaqt li l-prodotti kollha huma ċertifikati minn istituzzjonijiet rinomati. Ittieħed in konsiderazzjoni wkoll li t-tliet prodotti offruti jistgħu jintużaw minn persuna waħedha. A bażi ta' dawn ir-raġunijiet, ġie deċiż li l-għażla għandha tiġi determinata mill-prezz. Għaldaqstant, il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-J.G.C. Ltd bil-prezz ta' €5,145.

7.5. Il-Kunsill iddeċieda ukoll li qabel ma' tinħareġ l-ittra, is-segretarjat għandu jistenna t-tweġiba dwar kemm jittieħed żmien biex tiġi pprovduta l-bandla wara li tinħareġ l-ittra ta' aċċettazzjoni. Sakemm dan ikun raġġjonevoli, l-ittra għandha tinħareġ bla dewmien.

### 8.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2014 (F/1/1/Vol II)

8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-kont dwar it-Taħriġ (3200) fejn għall-ewwel sitt xhur tidher ċifra fl-estimi ta' €12,390, kontra nefqa ta' €865. Hija staqsiet dwar jekk dawn il-fondi jistgħux jiġu wtilizzati mod ieħor. Ipproponiet ukoll li l-Kunsill ikollu ċ-ċifri tal-estimi tas-sena attwali mqabbla ma' dawk tas-sena 2013.

8.3. Is-Segretarju spjega li parti sostanzjali miċ-ċifra ta' €12,390 tirrifletti n-nefqa prevista fuq il-proġett AvventuraSajf, li din is-sena ma sarx, peress li d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni ntroduċiet Club 3-16. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li ma jfissirx li allura l-Kunsill għandu €11,525 li ma ntefqux. Dan għar-raġuni li hemm ħlas għall-attendenza f'AvventuraSajf li skont l-estimi huwa stmat li jlaħħaq €15,800, liema dħul issa ovvjament ma' kienx hemm. Intqal ukoll li qabel jitfassal il-baġit isir eżerċiżżju fejn jitqabbel l-ammont minfuq, jew previst taħt kull kont, qabel jiġu allokati l-ammonti. Is-Segretarju fakkar li ċ-ċifri allokati fl-estimi li jkunu nġiebu għad-dikussjoni, jitqabblu ma' dawk tas-sena preċedenti f'waħda mill-iskedi nklużi fid-dokument tal-baġit.

8.4. Is-Sindku qal li trasferiment ta' fondi minn kont għal'ieħor hija proċedura li saret fil-passat għal raġunijiet ġustifikati, wara li tressqu mozzjonijiet quddiem il-Kunsill.

8.5. Billi ma kienx hemm aktar punti dwar ir-rendikont finanzjarju, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

### 9.1. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Organiku (K/6/2/Vol IV)

9.2. Is-Sindku fakkar li dwar dan is-servizz diġa kien hemm diskussjoni u qbil li fiż-żoni Tas-Sellum u Ta' Gerbulin ikun hemm ġbir tal-borża s-sewda anke fil-Ħdud bejn Lulju u l-ewwel nofs ta' Settembru. Qal ukoll li kien hemm opinjonijiet differenti dwar l-ġbir mit-Tnejn sas-Sibt fil-bqija tal-lokalita`, u l-għoti ta' kuntratti separati għal żoni differenti. Is-Sur J. Buttigieg fakkar ukoll li d-diskussjoni fuq t-tnejn tal-aħħar kienet għadha miftuħa.

9.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-problema tal-ħwienet li jinsabu fit-toroq ewlenin li joħorġu l-iskart minn filgħaxija. Dan billi l-għada filgħodu jkunu għadhom ma fetħux x'ħin jgħaddi l-kollettur. Huwa għalhekk ippropona li l-ġabra fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier issir wara d-9.00am.

9.4. Is-Sindku staqsa dwar jekk il-ġabra fit-toroq ewlenin tistax issir matul il-lejl flimkien ma' dik tal-istabbilimenti li jservu l-ikel. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-problema l-aktar tiġi kkawżata minn neġożji bħalma huma l-ispiżeriji li jiftħu fid-9.00am.

9.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jkun hemm stabbilimenti li jdumu miftuħin u jekk l-kollettur jiġi kmieni bil-lejl, jista' jkun hemm wħud minnhom għadhom bin-nies. Għaldaqstant l-aħjar ħin ikun wara s-1.00am.

9.6. Il-Kunsillier P. Cutajar issuġġerixxa li l-ġabra fit-toroq ewlenin titħalla għall-aħħar eż: 1.00pm. F'dan il-ħin il-ħwienet u l-uffiċini jkunu miftuħa kollha u jekk dawn jingħataw ħin, m'għandhomx għalfejn joħorġu boroż ħafna qabel is-1.00pm.

9.7. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li attwalment il-ġabra fit-toroq ewlenin qed issir bejn is-7.00am u t-8.00am, sabiex jiġi evitat li jkun hemm konġestjoni tat-traffiku bil-waqfiet spissi li jagħmel l-iscammel. Huwa qal ukoll li kemm-il darba l-ġabra ssir kif propost fil-minuta 9.4., tinħoloq problema dwar kif ser jitkejjel l-piż tal-iskart li jinġabar. Is-Sur C. Debono aċċenna li l-Kunsill iħallas €20 kull tunellata ta' skart imħallat li jinġabar mill-kuntrattur tiegħu. Dwar il-punt imqajjem fil-minuta 9.5 aktar 'il fuq, is-Segretarju aċċenna għal ilmenti li ġie li daħlu fuq il-ġbir tal-iskart mill-istabbilimenti tal-ikel, partikularment dawk li jinsabu fiż-żona urbana. Huwa qal li l-aktar soluzzjoni prattika, hija li t-toroq ewlenin ikunu koperti bi scammel żgħir, bil-għan li l-ġabra tkun tista' issir eżatt wara d-9.00am mingħajr konġestjoni, peress li din it-tip ta' vettura tista' tidħol faċilment fil-postijiet riżervati għall-ħatt u tagħbija u fiż-żona tal-irmunkar, bil-għan li ma tiġix imxekkla l-karreġġjata.

9.8. Dwar il-kwistjoni tat-toroq ewlenin, il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm klawsola fil-kuntratt il-ġdid illi tipprovdi li ġabra fil-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier kollha jsiru bi *scammel* żgħir bejn id-9.30am u l-10.30. Ġie deċiż ukoll li għandu jkun hemm prova ta' xahar minn nofs Ottubru 2014 sabiex jiġu evalwati r-riżultati li jkun hemm, qabel jidħol fis-seħħ il-kuntratt il-ġdid. Il-Kunsill kien dispost li jagħti prova lil din il-proposta skont il-minuta 9.7. aktar 'il fuq.

9.9. Rigward il-ġbir tal-borża s-sewda fil-Ħdud fiż-żoni Tas-Sellum u Ta' Ġerbulin, il-Kunsill qabel li din l-estensjoni għandha tkun limitat bejn Lulju u l-ewwel nofs ta' Settembru. Iż-żona preċiża stabbita hija konfinanti minn Dawret it-Tunnara, Triq l-Għajn tal-Mellieħa, Triq il-Padrun sar *roundabout* ta' Triq il-Marfa / Dawret il-Mellieħa.

9.10. Dwar il-ġbir tal-borża l-griża, il-Kunsill iddeċieda li fl-ewwel laqgħa li jkun hemm ma' Green MT Ltd għandu jintalab li dan jibda jsir nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa, peress li kif kien s'issa – it-Tlieta u l-Ħamis – kien qrib wisq.

9.11. Sar aċċenn għall-abbużi li qed ikun hemm partikularment f'dawk iż-żoni fejn jeżistu appartamenti tat-turisti, billi dawn mhux qed jagħmlu distinzjoni bejn dawk il-ġranet li tinġabar il-borża s-sewda u dik griża. Is-Sindku kkummenta li huwa nklinat favur li jerġa' jiġi ntrodott servizz ta' kuljum bejn it-Tnejn u Sibt, għalhekk huwa konxju li dan jgħolli l-ispiża b'mod sinifikanti. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan l-aspett għandu jkompli jiġi diskuss mit-*Tender Adjudication Board*.

9.12. Tkompliet id-diskussjoni fuq il-possibilta` li l-lokalita` tinqasam f'żoni li jistgħu jingħataw lill-kuntratturi differenti. L-opinjoni ġenerali tal-Kunsill kienet li l-lokalita` għandha titħalla fuq kuntratt wieħed minħabba r-raġunijiet segwenti:

- Il-qsim tal-lokalita` f'żoni mhux neċessarjament ifisser li jkun hemm kuntratturi differenti, peress li jista' ikun hemm offerent li jkun kompetittiv aktar u jikkwalifika għaż-żoni kollha;
- F'kaz li jkun hemm kuntrattur li jieħu aktar minn żona waħda, ikun hemm tendenza li l-ġbir minnhom ma jsirx simultanjament;
- Il-qsim tal-lokalita` f'żoni tirrendi l-kuntratti inqas *cost effective* u għalhekk ikun hemm tendenza li wieħed jikkwota rati għola; u
- Fil-passat, it-tħaddim ta' kuntratt wieħed għal-lokalita` kollha ma tax problemi partikulari.

9.13. Dwar il-kontroll fuq il-vetturi wżati, il-Kunsill qabel li għandha tidħol klawsola f'dan is-sens, filwaqt li għandu jkun hemm spezzjoni minn *mechanical engineer* kull meta tinħass il-ħtieġa. Dan biex jiġi stabbilit li l-vetturi wżati jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, partikularment biex: (a) jiġi żgurat li ma jkunx hemm tixrid ta' likwidu; u (b) tinżamm dehra nadifa fil-vetturi; eċċ. Ġie deċiż ukoll li għandu jkun hemm klawsola li l-vetturi wżati jkunu tat-tip Euro 5 f'dak li huma emissjonijiet.

## 10.1. Sitwazzjoni tat-Traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XII)

10.2. Is-Sindku għarraf li fil-25 ta' Settembru 2014 saret laqgħa mal-Perit S. Bonello u s-Sur C. Muscat mit-*Traffic Management and Road Safety Directorate,* fejn sar aċċenn għall-punti kollha mqajma fil-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret għar-residenti tal-Manikata fid-9 ta' Settembru 2014. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li l-proposta tat-*traffic lights* fi Triq il-Manikata ma ntlaqatx minħabba nuqqas ta' viżibilita\` min-naħa għal'oħra. Dwar is-suġġeriment li Triq il-Biedja u Triq il-Wilġa jkunu *one-ways* kontra xulxin, kien hemm kummenti kontra mill-uffiċjali msemmija, peress li kantuniera ta' Triq il-Knisja l-Qadima ma' Triq il-Biedja hija qawwija ħafna. Dwar l-introduzzjoni mill-ġdid ta' tabelli *No Heavy Vehicles Except to Render a Service*, ma kienx hemm oġġezzjoni għalkemm inġibdet l-attenzjoni li l-infurżar ta' din ir-restrizzjoni jista' ikun diffiċli. Kien hemm qbil li l-limitu tal-veloċita\` għandu jinżel għal 30 kilometru fis-siegħa. Id-Direttorat intalab sabiex jagħmel pressjoni fuq ir-*Roads and Infrastructure Directorate* bil-għan li titwessa' Triq il-Manikata sabiex tkun tista' tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet b'aktar sigurta\`. B'hekk jiġi evitat traġitt minn Sqaq Ħarruba u Triq il-Mejjiesa u t-traffiku jgħaddi biss mit-toroq ewlenin ta' dan ir-raħal - Triq il-Manikata u Triq il-Knisja l-Qadima. Il-proposti li semmew xi residenti dwar l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossings* quddiem il-knisja u fi Triq il-Knisja il-Qadima ma ġewx aċċettati peress li ma jidhrux mis-sewwieqa. Sar aċċenn ukoll sabiex jerġa jiġi attivat il-proġett tal-*bypass* tal-Manikata li xi snin ilu kien ser isir taħt il-programm tat-TEN-T.

10.3. Rigward it-triq il-ġdida li saret biswit Ġnien iż-Żerniq, l-uffiċjali tad-Direttorat esprimew l-opinjoni li l-*junction* tat-triq il-ġdida ma' Triq ix-Xagħra l-Ħamra tista' tiġi mibdula. Is-Sindku qal li min-naħa l-oħra mhux possibbli li titneħħa l-kantuniera tal-ġnien peress li din taffettwa l-aċċess għal-latrini. Is-Sur J. Buttigieg qal li għandha tiġi kkunsidrata l-possibilta' li ssir bankina fuq naħa waħda ta' Triq il-Mellieha, bejn il-ġnien u t-triq ta' l-Irdum id-Delli. Dan minħabba li hemm talba għaliha min-nies li jżuru il-Park tal-Majjistral.

10.4. Is-Sur J. Buttigieg ressaq proposta sabiex tinqaleb id-direzzjoni attwali tat-traffiku fit-triq tal-Wied ta' Rdum, peress li din qed tattira ħafna sewwieqa ġejjin mid-direzzjoni tal-Imġarr li jgħaddu mill-Manikata. Il-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsillier E. Bartolo kkummentaw li din ma jkollha ebda effett fuq il-Manikata, ħlief li jiżdied it-traffiku ġej miċ-Ċirkewwa filgħodu u jonqos filgħaxija.

10.5. Saret referenza għall-appell mressaq mir-residenti ta' Triq il-Mejjiesa dwar is-sanzjonar tax-xogħol (PA 3337/13) li sar fi Sqaq Ħarruba u l-ftuħ mill-ġdid tiegħu għat-traffiku. Is-Sindku għarraf li dan beda jinstemgħa fit-18 ta' Settembru 2014. Ir-rappreżentant tal-MEPA ikkontenda li l-appell m'għandux jitqies validu, peress li meta sar l-appell 102/09 CF mill-Kunsill kontra l-Ordni ta' Infurzar 619/09 maħruġa mill-MEPA, ir-residenti ma kinux irreġistraw l-oġġezzjoni tagħhom dakinhar. Il-Bord tal-Appell iddiferixxa s-smiegħ sabiex jiddelibera fuq dan il-punt. Fil-frattemp, is-Sezzjoni tal-Infurzar tal-MEPA talbet verbalment lill-Kunsill sabiex jerġa jimblokka l-isqaq permezz tal-*bollards*, kif fil-fatt sar. L-avukat Ian Stafrace, li deher għall-appellanti, wieġeb li l-kliem użat fl-applikazzjoni mill-perit tal-Kunsill kien b'tali mod li żgwida lir-residenti. L-Avukat Joseph Degaetano għall-MEPA, irribatta billi qal li dan qatt ma seta jkun il-każ, għar-raġuni li l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet għal sanzjonar ta' żvilupp li kien diġa twettaq. L-Avukat Stafrace qal ukoll li r-residenti mhux qed jeskludu l-possibilta\` li jieħdu l-każ quddiem il-Qorti Ċivili. Waqt is-smiegħ tal-appell, għan-naħa tal-Kunsill attendew l-Avukat John Bonello, il-Perit Joseph Attard, is-Sindku John Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv Carmel Debono.

## 11.1. Laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Ministru tal-Intern u Sigurta\` Nazzjonali (M/4/2/Vol II)

11.2. Is-Sindku għarraf li l-Onor. Manuel Mallia – Ministru tal-Intern u Sigurta\` Nazzjonali – ser jagħmel laqgħa ta' konsultazzjoni għar-residenti tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar fis-7 ta' Ottubru 2014 fis-6.00pm fil-Qawra Palace Hotel. Il-Ministru ser ikun akkumpanjat minn

uffiċjali tal-Pulizija u minn Transport Malta. Għadaqstant saret stidina mill-Kunsill lill-għaqdiet tal-Mellieħa sabiex jattendu u jipparteċipaw. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-Kunsilli Lokali rispettivi ntalbu jipprovdu bejniethom għall-kiri tas-sala u bibita` wara l-istess laqgħa.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-involviment tiegħu m'għandux jaqbeż €250.

## 12.1. *Tender Adjudication Board* (K/2/Vol III)

12.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mis-Sur Stephen Xuereb li għarfu illi minħabba npenji oħra li huwa għandu, ma jistax jibqa' membru fuq il-bord imsemmi. Huwa għalhekk innomina lis-Sur Joseph Agius sabiex iservi minfloku fuq l-istess bord.

12.3. Il-Kunsill approva n-nomina u qabel li s-Sur Agius għandu jintalab jattendi l-laqgħa tal-bord li jmiss.

## 13.1. Proġett *"Bringing the EU Closer to the Local Communities"* (P/10/24)

13.2. Is-Segretarju rrefera għall-proġett imsemmi li kien jinvolvi 89 delegat minn ħames pajjiżi Ewropej differenti li ħadu seħem fil-konferenza msemmija, li saret fil-Mellieħa bejn is-7 u l-11 ta' Awwissu 2014. Huwa fakkar li l-uffiċjal tal-Kunsill li kkordina l-parti kbira tal-konferenza kien is-Sur Stephen Borg. Is-Segretarju fakkar li s-Sur Borg akkumpanja lid-delegati tul iż-żjara tagħhom u għalhekk kien jirrikjedilu jaħdem bis-sahra kif jidher hawn taħt:

| **Jum** | **Data** | **Ħinijiet** | **Numru ta' Sigħat ta' Sahra** |
|---|---|---|---|
| Ħamis | 07/08/2014 | 15:00 - 23:00 | 8.0 |
| Ġimgħa | 08/08/2014 | 18:00 – 00:00 | 6.0 |
| Sibt | 09/08/2014 | 09:00 – 14:30<br>18:00 – 00:00 | 11.5 |
| Ħadd | 10/08/2014 | 09:00 – 14:30<br>18:00 – 00:00 | 11.5 |
| Tnejn | 11/08/2014 | 00:00 – 03:00 | 3.0 |

13.3. Il-Kunsill approva l-ħlas tas-sahra mitlub u għalhekk is-Segretarju ntalab jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, peress li s-Sur Borg huwa ssekondat mal-Kunsill mill-istess Dipartiment.

## 14.1. Ħarġa lejn Santa Luċija (A/5/5/Vol VII)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-ħarġa li jmiss tkun fis-16 ta' Ottubru 2014 għall-Ġnien tas-Serenita` f'Santa Luċija, b'waqfa fl-Ajruport. Il-prezz li jinkludi t-trasport u l-waqfa għall-kafe` ser ikun ta' €7.00 kull persuna.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 15.1. *Animal Appreciation Day* (A/5/3/Vol XII)

15.2. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li l-attivita` imsemmija, illi kienet proposta għal nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2014 fil-Park tal-Familja u fi Triq Guże` Flores, tiġi posposta għall-Ħadd ta' wara fit-12 ta' Ottubru minħabba raġunijiet tat-temp.

15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**16.1. Wirja ta' vetturi kollettibbli (A/5/3/Vol XII)**

16.2. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li ssir wirja ta' vetturi kollettibbli f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa, nhar il-Ħadd 16 ta' Novembru 2014.

16.3. Il-Kunsill laqa' l-proposti mresqa.

**17.1. Korsijiet tal-*aerobics* għall-anzjani (E/3/1/11)**

17.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li applikaw 31 persuna għall-korsijiet tal-*aerobics*. Huwa qal li ser jinqasmu f'żewġ klassijiet, li waħda ser tkun kofinanzjati mill-Kunsill u s-Segretrjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita` u l-Anzjanita` Attiva u oħra mill-Kunsill Lokali u Kunsill Malti tal-Isport, taħt l-iskema mnedija mill-K.M.S., fejn nofs l-ispejjeż jitħallsu mill-Kunsill Lokali u n-nofs l-ieħor mill-K.M.S. Il-Kunsill fil-fatt applika taħt din l-iskema, kif għamel fis-sena preċedenti. Is-Sur J. Attard għadda l-lista tal-applikanti sabiex tinżamm fil-*file* relattiv.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Proġett LEAP! (A/8/3)**

18.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-korrispondenza li kien hemm dwar il-proġett imsemmi, liema proġett ġie mniedi mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali. Ġie spjegat li dan huwa proġett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew u huwa mmirat għal persuni żvantaġġjati sabiex jgħinhom jidħlu fid-dinja tax-xogħol. B'mod partikulari jappella għal żgħażagħ li spiċċaw kmieni mill-iskola; ġenituri żgħażagħ; persuni bla xogħol; persuni b'diżabita`; eċċ.

18.3. Is-Sindku aċċenna għal laqgħa li saret ma' uffiċjali mill-istess ministeru fil-15 ta' Settembru 2014, fejn ġie spjegat li essenzjalment dan il-proġett jinvolvi taħriġ ta' persuni meqjusa żvantaġġjati fi ħdan N.G.O.'s, entitajiet governattivi. Għandu wkoll iservi biex ikun hemm nies imħarġa f'dan il-qasam fost entitajiet governattivi u *social workers* impjegati mill-Gvern. Finalment il-proġett għandu jservi bħala għodda biex tiġi mwettaq l-istrateġija tal-Gvern kontra l-faqar. L-involviment ta' persuna jista' jvarja minn erba' sa tmien xhur u jkun hemm ħlas ta' €300 fix-xahar kofinanzjat bejn id-Dipartiment konċernat u mill-Fond Soċjali Ewropew. Is-Sur J. Buttigieg, kompla jgħid li f'dan l-istadju, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar jekk għandux jieħu sehem f'dan il-proġett u sussegwentement jindika l-ħtieġijiet tiegħu fl-ambitu tal-funzjonijiet tiegħu.

18.4. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb fil-proġett.

**19.1. Iljieli Melleħin 2014 u l-Festa tal-Vitorja (A/5/3/5/Vol V) (F/2/Vol VII)**

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fit-8 ta' Ottubru 2014 fis-7.00pm ser issir laqgħa għall-għaqdiet li ħadu sehem fl-Iljieli Melleħin 2014, kif ukoll dwar il-Festa tal-Vitorja. Il-laqgħa hija ntiża biex isservi bħala *post mortem* bil-għan li jkun hemm titjib fl-andament tagħhom fl-edizzjonijiet li jmiss.

19.3. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattiva msemmija.

**20.1. Sistema tal-*one-way* fi Triq il-Miżieb (T/3/2/Vol XII)**

20.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li jkun hemm superviżjoni tas-sistema msemmija li titħaddem fil-Ħdud u l-Btajjel Pubbliċi. Huwa qal li qed ikun minn jabbuża billi jidħol minn Triq Għajn Tuffieħa mingħajr ma jkollu ħtieġa jieqaf fl-Imbordin.

20.3. Kien hemm qbil li għandha tintalab il-preżenza ta' Gwardjan Lokali bil-għan li jiġu kkontrollati l-abbużi.

**21.1. *Re-enactment* Militari (A/6/3/2 Vol 47)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li huwa ġie avvinat minn għaqda *Battlefront Living History* li torganizzata *re-enactments* military. L-istess għaqda għandha l-intenzjoni tapplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm *Europe for Citizens*, sabiex tiffinanzja serje` ta' attivitajiet ippjanati li sseħħu f'Novembru 2015 fil-Park tal-Majjistral f'Għajn Tuffieħa u fl-Aħrax fejn it-Torri l-Aħmar bil-parteċipazzjoni ta' għaqdiet simili Ewropej. L-istess programm għandu waħda mill-azzjonijiet li jaqgħu taħtu, proprju biex tiffinanzja attivitajiet ta' tifkira tat-Tieni Gwerra Dinjija.

21.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni.

## 22.1. Mellieħa *International Music Festival* 2015 (A/5/3/4)

22.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li d-dati tal-avveniment imsemmi jitmexxew għal bejn id-29 u l-31 ta' Mejju 2015, peress li saru kuntatti mad-Doncaster Concert Band li jixtiequ jipparteċipaw, iżda mhux possibbli għalihom fid-dati oriġinali.

22.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm dan it-tibdil ma' jaffettwax il-parteċipazzjoni ta' baned oħra.

### AĠĠORNAMENT

It-tieni parti tas-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru 2014 fis-7.30pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**